MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 839/2005

**Carmelo Borg (ID 338677M)**

**vs**

**Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern u l-Avukat Generali tar-Repubblika ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa jaghmel, fl-ewwel lok, riferenza ghall-proceduri ta' estradizzjoni li jinsabu ghaddejja fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u dana fl-Atti dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti per Magistrat Dr. J. Apap Bologna fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Christopher Pullicino u Spettur Mario Haber) vs Wang Wei, Carmelo Borg u Lin Yi;.

Illi l-attur jaghmel fit-tieni lok riferenza ghall-fatt illi l-procedura utilizzata mill-Avukat Generali tar-Repubblika hija dik tal-'European Arrest Warrant' li fid-dritt taghna insibuha fil-ligi sussidjarja bin-numru 276/2005 hekk kif dahlet fis-sehh permezz ta' l-Avviz Legali 320/2004 u 289/2005. Dan jidher car mill-mod kif ipproceda l-istess Avukat Generali fil-konfront ta' l-attur fil-proceduri hawn fuq citati;

Illi l-attur jirrileva illi din il-ligi sussidjarja saret bis-sahha moghtija lill-Ministru risponsabbli mill-Gustizzja taht l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi apparti minn hekk jirrizulta wkoll illi l-Qorti hawn fuq indikata hekk kif ippresjeduta hija bhala Qorti tal-Magistrati [Malta] fis-Sede Istruttorja taghha. Ghalhekk japplikaw ukoll dawk id-disposizzjonijiet fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Qorti Istruttorja li hija Qorti li fis-sustanza taghha tigbor il-provi tal-prosekuzzjoni, kif ukoll tisma' u tigbor kull prova li f'dak l-istadju jkun irid iressaq l-imputat (f'dan il-kaz l-attur] stess. Dan jidher bic-car ukoll mid-diversi riferenzi li hemm fil-Kap 276 ghal dawn id-disposizzjonijiet;

Illi tali ligi sussidjarja tipprekludi lill-attur milli iressaq provi halli jikkontradici l-akkuzi migjuba kontra tieghu minn Qorti jew Tribunal barrani f'dan il-kaz it-Tribunale di Mondica salv ghal dak provdut fir-Regolament Numru 13 ta' l-istess ligi sussidjarja;

Illi min-naha l-ohra l-istess prosekuzzjoni taht l-istess ligi sussidjarja m'hix tenuta illi ittella' provi almenu sal-grad ta' 'prima facie' dwar l-istess akkuzi migjuba kontra l-attur;

Illi ghalhekk il-konvenut Ministru meta ghamel tali ligi sussidjarja mar oltre l-poteri moghtija lilu mir-'Relevant Act' u cioe' il-Kapitolu 276 u mar kontra l-istess disposizzjonijiet u spirtu tal-ligi principali;

Illi l-attur isostni illi din il-ligi sussidjarja bhal kull ligi sussidjarja ohra ghandha tigi interpretata fl-ambitu tal-'Parent' jew ir-'Relevant Act';

Illi l-Ministru konvenut bl-ghemil tieghu meta huwa dahhal fis-sehh tali ligi sussidjarja taht il-Kap 276 idderoga mill-Att principali bhal li kieku tali ligi sussidjarja kienet xi ligi specjali;

Illi ghalhekk tali ghemil tal-konvenut Ministru huwa wiehed 'ultra vires' ghaliex mar oltre il-poteri vestiti fih permezz tal-Kap 276 ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk tali ghemil amministrattiv tal-Ministru konvenut meta huwa dahhal fis-sehh tali ligi sussidjarja ghandu jigi iddikjarat null, invalidu u bla effett;

L-attur ghalhekk talab li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghalfejn m' ghandhix dina l-Qorti;

Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss li hija neccessarja u opportun fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara illi tali ghemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett;

Konsegwentement tannulla l-ligi sussidjarja bin-numru 276/05 hekk kif dahlet fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 320/2004, u 289/2005;

Bl-ispejjez kollha ta' l-istanti kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :

Preliminarjament illi l-ghemil ta' legislazzjoni sussidjarja jikkostitwixxi att legislattiv li ma jaqax fl-ambitu ta' dak li huwa sindakabbli skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u dan b' mod partikolari billi l-istess artikolu huwa applikabbli biss ghal dawk l-atti illi jaqghu fid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" li tinsab fl-istess Art 469A sub-inciz (2). Illi ghalhekk stante li l-azzjoni hija bazata unikament fuq l-Art 469A tal-Kap 12 u fuq l-inkwadrar skorrett ta' att legislattiv bhala wiehed amministrattiv l-istess azzjoni kif proposta hija karenti minn fondament guridiku;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-pemess illi fil-kaz li jigi deciz illi meta l-Ministru ghamel jew gab fis-sehh l-Avviz Legali in kwistjoni huwa wettaq att amministrattiv fit-termini tal-Art 469A tal-Kap 12, ikun jirrizulta illi l-azzjoni hija perenta bit-trapass tat-terminu ta' sitt xhur stipulat fl-Art 469A (4) tal-Kap 12;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-Avviz Legali 320/2004 kif emendat bl-Avviz Legali 289/2005 li nhareg biex jimplimenta d-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Gunju, 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proceduri ta' Konsenja sar skond il-ligi u skond il-poteri moghtija lill-Ministru permezz tal-Art 7 tal-Kap 276 li jipprovdi li meta ssir Ordini skond dak l-Artikolu l-Att ikollu effett "skond dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista' jigi specifikat fl-Ordni";

Fi kwalunkew kaz, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Setembru 2005 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-Ordni tal-

Ministru kovenut ghar-rigward ta arrest ta' dan it-tip giet pubbblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Gunju 2004 u saret emenda fit-12 ta' Awissu 2005 u li jaqblu li l-attur gie notifikat bil-Mandat ta' Aqrrest in kwestjoni fid-9 ta' Settembru 2005;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li hemm pendenti kontra l-attur proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja;

L-attur, fic-citazzjoni, jippremetti li l-bazi tal-imsemmija proceduri kontra tieghu, hi dik tal-'European Arrest Warrant' skond il-ligi sussidjarja 276/2005, li dahlet fis-sehh bl-Avvizi Legali 320/2004 u 289/2005 u li saret bis-sahha tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress li l-Qorti li qed tisma l-imsemmija proceduri ta' estradizzjoni hi Qorti Istruttorja u b'hekk id-disposizzjonijiet fil-Kapitolu 9 li sostanzjalment jipprovdu li l-Qorti Istruttorja ghandha tigbor il-provi inkluz dawk li jkun irid iressaq l-imputat, filwaqt li l-imsemmija ligi sussidjarja tipprekludi lill-attur milli jressaq provi. L-attur isostni li meta saret l-imsemmija legislazzjoni sussidjarja il-konvenut Ministru responsabbli ghall Gustizja u l-Intern mar oltre l-poteri koncessi lilu mill-istess artikolu tal-Kapitolu 276 kif ukoll mar kontra l-istess disposizzjonijiet u spirtu tal-ligi principali. Ghalhekk tali ghemil tal-konvenut Ministru huwa wiehed 'ultra vires' u dana ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12. L-attur jippretendi li l-ghemil amministrattiv tal-Ministru hu null, invalidu u bla effett. B'hekk l-attur qed

jitlob li jigi dikjarat li li l-imsemmi ghemil amministrattiv imur kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 u ghalhekk l-istess ghemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett. L-attur talab ukoll li ghall-istess ragunijiet il-ligi sussidjarja 276/05 tigi dikjarata nulla;

Minn naha taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu, fl-ewwel lok, li l-ghemil ta' legislazzjoni sussidjarja jikkostitwixxi att legislattiv u mhux att amministrattiv u b'hekk l-ghemil in kwestjoni mhux sindakabbli skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u l-azzjoni tal-attur hi bbazata unikament fuq il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 469A. Fit-tieni lok jeccepixxu li jekk il-kawza hi ben ibbazata fuq l-istess provedimenti tal-artikolu 469A allura l-azzjoni hi perenta bit-trapass tat-terminu ta' sitt xhur stipulat fl-artikolu 469A(4). Fit-tielet lok huma jeccepixxu li l-Avviz Legali 320/2004 kif emendat bl-Avviz Legali 289/2005 hu skond il-ligi u skond il-poteri moghtija lill-Ministru;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkonferma li huwa jikkontesta il-validita' tal-ligi sussidjarja fuq il-proveimenti tal-artikolu 469A tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Appuntu dan l-artikolu tal-Kapitolu 12 jittratta dwar "stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva." Konsegwentement l-ghemil li l-attur qed jippretendi li hu null u invalidu jrid ikun fin-natura tieghu amministrattiv u mhux ta' xi xorta ohra. Dan l-istess artikolu jiddefinixxi "ghemil amministrattiv" li tfisser "il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita";

L-istess artikolu ukoll jipprovdi li – "Kawza biex twaqqa eghmil amministrattiv …. ghandha ssir fi zmien sitt xhur

minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv";

Il-konvenuti jsostnu li att in kwestjoni jirrigwarda ghemil ta' legislazzjoni sussidjarja u ghallhekk hu att legislattiv u qatt ma jista jigi konsidrat bhala att amministrattiv skond l-imsemmija provedimenti tal-Kapitolu 12. Din is-sottomissjoni tal-konvenuti zgur li mhux fis-sens li ligi sussidjarja ma tistax tkun suggetta ghall-iskrutinju tal-Qrati izda hi fis-sens li l-azzjoni odjerna ma kellix tkun ibbazata fuq il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 469A, li jittrattaw biss eghmil amministrattiv;

Skond l-attur l-ambitu tal-provedimenti in kwestjoni jinkludu kull "ordni li jssir minn awtorita' pubblika" u l-legislazzjoni sussidjarja in kwestjoni hi imsejjha u r-referenza ghaliha hi dejjem bhala "ordni". Il-ligi sussidjarja stess hi intitolata bhala 'Ordni Dwar Pajjizi Barranin Appuntati Dwar L-Estradizzjoni'. Dan nonostante, pero', m'hemmx dubju li l-att in kwestjoni li dwaru qed jilmenta l-attur hu att legislattiv u ma jista qatt jigi ritenut li huwa att amministrattiv. L-attur stess fin-nota tieghu jqis li dan hu att legislattiv u jghid li ligijiet sussidjarji huma ta' natura eccezzjonali fis-sens illi hija eccezzjoni ghar-regola kostituzzjonali bazika illi huwa l-Parlament illi ghandu s-setgha legislativa. Ghalhjekk jidher li l-attur stess qed jaccetta li hawnhekk ghandna att legislattiv u mhux amministrattiv;

Konsegwentement din l-azzjoni tal-attur ma kellix issir a bazi tal-provedimenti tal-Kapitolu 12 in kwestjoni. B'hekk it-talbiet attrici, bbazati kif inhuma, ma jistghu qatt jigu akkolti. Hawnhekk ghandu jigi enfasizzat li jekk Ministru, jew xi awtorita' ohra, jghamel xi ligi sussidjarja u joltrepassa l-awtorita' moghtija lilu mill-ligi stess li a bazi taghha qed jillegisla sussidjarjament dik l-istess ligi sussidjarja hi nulla u bla effett. F'dawn il-kazijiet il-Qrati tghana ghandhom kull setgha li jissindikaw tali ligi u eventwalment jiddikjarawha bhala li hi "ultra vires" u ghalhekk nulla u bla effett;

F’dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll, ghal kull buon fini, li lanqas ma jirrizulta li il-Konvenut il-Ministru ecceda l-awtorita’ mghotija lilu mill-att rilevanti meta giet promulgata il-ligi sussidjarja in kwestjoni. Dan qed jinghad in vista tal-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 276 li jipprovdi li meta ssir xi legislazzjoni sussidjarja, skond l-istess artikolu tali legislazzjoni jkollha effett “skond dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista jigi specifikat fl-Ordni’. Jidher ukoll li fl-istess legislazzjoni sussidjarja hemm dawk is-slvagwrdji kollha necessarji, ghar-rigward ta’ dan it-tip ta’ legislazzjoni. B’hekk hawnhekk ma jirrizutax li dan huwa kaz ta’ “substantive ultra vires.”;

L-ilment basiku tal-attur hu li skond il-legislazzjoni sussidjarja, f’dan l-istadju huwa preklux milli jipproduci provi. Tali provediment hu wiehed li jappartjieni il-merittu mentri sa dan l-istadju is-salvagwardji kollha ghandom jkunu intizi ghall-arrest u ghal estradizzjoni. F’dan l-istadju, ukoll, il-prosekuzzjoni hi limitata ghar-rigward tal-provi li tista tipproduci.

Hawnhekk si tratta ta’ legislazzjoni sussidjara li hi specjali u tirregola il-procedura li trid tigi segwita ghar-rigward ta’ estradizzjoni ta’ dan it-tip. Ghalhekk ma tistax issir referenza ghal principji generali li jesistu fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre l-artkolu 15(1) tal-Kap 276 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghandha l-funzjoni ta’ qorti rimandanti u li ghall-finijiet tal-procedimenti skond dak l-artikolu il-poteri li ghandu jkollha huma bhal tal-Qorti Istruittorja biss *safejn jista’ jkun* u dan dejjem salvi dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista’ jigi specifikat b’ xi Ordni li l-Ministru ghandu s-setgha li jaghmel taht l-artikolu 7 ta’ l-istess Kap;

Jirrizulta sufficjentement li l-Ministru konvenut ippubblika l-Avvizi Legali in kwistjoni bis-sahha tas-setghat moghtija lilu bl-artiklu 7 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap 276 tal-Ligijiet ta’ Malta u liema artikolu jghati lill-Ministru poteri wiesgha kif gia gie indikat. Jidher ghalhekk li l-avvizi legali in kwestjoni gew promulgati biex tigi implimentatas Decizjoni Kawdru tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea tat-13 ta’

Gunju 2002 fuq il-Mandat ta’ Arrest Ewropew u l-Proceduri ta’ Konsenja, huma skond il-ligi u skond il-poteri moghtija lill-Ministru permezz ta-Artikolu 7 tal-Kap 276;

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu akkolti u b’hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:

Tiddeciedi li tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------